MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2013

Appell Civili Numru. 997/2003/1

**Barb Holdings Ltd**

**v.**

**Victor Zammit u Rose Zammit u b'digriet tal-14 ta' Frar 2005 gew kjamati fil-kawza David u Patricia Anastasi, Wallace u Domenica Fino, u Christopher u Claudette Gauci u l-kumpanija Forsite Design and Project Management Limited**

**Il-Qorti:**

Rat l-att tac-citazzjoni li pprezentat is-socjeta` attrici fl-1 ta' Ottubru 2003 u li jaqra hekk:

“Illi fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Marzu tas-sena elfejn (2000), il-konvenuti ikkostitwew ruhhom bhala garanti solidali favur is-socjeta` Bank of Valletta p.I.c. ghad-debiti tas-socjeta` Forsite Design and Project Management Services Limited (DOK BH1);

“Illi permezz ta’ art pubbliku datat tnax (12) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlieta (2003) fl-atti tan-Nutar Margaret Heywood (DOK BH2), is-socjeta` Forsite Design and Project Management Services Limited ikkostitwiet ruhha bhala debitrici fis-somma certa, likwida u dovuta ta’ tmienja u ghoxrin elf erba` mija u tmintax-il Lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm28,418.85);

“Illi permezz ta` att pubbliku iehor datat tnax (12) ta’ Marzu tas-sena elfejn u tlieta (2003) fl-atti tan-Nutar Margaret Heywood (DOK BH3), is-socjeta` attrici hallset id-dejn li kellha s-socjeta` Forsite Design and Project Management Services Limited mas-socjeta` Bank of Valletta p.I.c. u giet surrogata fl-istess att fid-drittijiet kollha, inkluz dawk litigjuzi, ta' 1-imsemmija Bank of Valletta p.I.e. fil-konfront "*inter alia*" tal-konvenuti u dan ai termini ta' l-Artikolu 1165 (1) (a) tal-Kodici Civili [Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta];

“Illi l-konvenuti gew debitament infurmati b’din is-surroga permezz ta’ ittra ufficjali datata wiehed u ghoxrin (21) ta’ Marzu tas-sena elfejn u tlieta (2003) (DOK BH4);

“Illi l-konvenuti, nonostante li gew interpellati permezz ta’ ittra ufficjali datata sitta (6) ta’ Gunju tas-sena elfejn u tlieta (2003) (DOK BH5) sabiex ihallsu lis-socjeta` attrici surrogata s-somma kapitali ta’ tmienja u ghoxrin elf erba’ mija u tmintax-il Lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm28,418.85) oltre l-imghax fuq l-istess somma kapitali mit-12 ta’ Marzu 2003 u oltre l-ispejjez, baqghu inadempjenti;

“Illi ghalhekk il-konvenuti huma debituri tas-socjeta` attrici ghas-somma ta’ tmienja u ghoxrin elf erba' mija u tmintax-il Lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm28,4J8.85)

oltre l-imghax fuq J-istess somma kapitali mit-12 ta' Marzu 2003 sad-data tal-pagament effettiv;

"Is-socjeta` attrici ghar-ragunijiet premessi u bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur ta' l-Artikolu 167 *et seq* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili [Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta] talbet lill-Qorti: -

"1. Tiddikjara lill-konvenuti debituri versu s-socjeta` attrici fis-somma ta' tmienja u ghoxrin elf erba' mija u tmintax-il Lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm28,418.85);

"2. Tikkundanna lill-konvenuti ihallsu l-ammont hekk dovut lis-socjeta' attrici:

"Bl-imghax fuq is-somma kapitali mit-tnax (12) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlieta (2003) tad-data tal-pagament effettiv.

"Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali datati wiehed u ghoxrin (21) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlieta (2003) u sitta (6) ta' Gunju tas-sena elfejn u tlieta (2003) u tal-mandati kawtelatorji li gewipprezentati kontestwalment ma' din ic-citazzjoni."
Rat li b'digriet tat-18 ta' Mejju 2004, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili awtorizzat lill-konvenuti biex fi zmien ghoxrin (20) jum jipprezentaw nota tal-eccezzjonijiet, u dan wara li s-socjeta` attrici ddikjarat li ma kinitx qed tinsisti aktar ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti konjugi Zammit li in forza taghha eccepew illi:

"1. Fl-ewwel lok li il-konvenuti ma ghandhomx ihallsu l-ammont mitlub mill-atturi imma semmai somma ferm inferjuri u dan kif ser jigi ippruvat tul is-smigh ta' din il-kawza;

"2. Fit-tieni lok li r-responsabbilita` tal-konvenuti lejn l-attrici hi semmai limitata ghal sehem ta' l-istess

konvenuti wara li jigu diskussi l-beni tad-debitur principali u tal-garanti l-ohra, dan skond l-artikolu 1949 tal-Kodici Civili u dan billi, fis-sustanza l-arrangament mal-Bank li biha jidher giet surrogata l-kumpanija attrici fid-drittijiet tal-Bank kien li d-dejn thallas minn wiehed mill-garanti. F'dan l-isfond jigi rilevat li l-kumpannija Barb Holdings Limited u Patricia Anastasi huma sostanzjalment l-istess persuna u l-Qorti ghandha tmur oltre l-*Corporate Veil* stante li l-arrangement sar bi pregudizzju u anzi in frodi tad-drittjiet tal-konvenuti u dan kif ser jigi dettaljatament ippruvat tul is-smigh tal-kawza.

"3. Fit-tielet lok li ghandhom jigu kjamati in kawza il-garanti kollha l-ohra David u Patricia Anastasi, Wallace u Domenica Fino u Christopher u Claudette Gauci u l-kumpanija Forsite Design and Project Management Limited;

"4. Fir-raba' lok u bla pregudizzju ghas-suespost is-surroga favur l-attrici ma tiswiex kontra l-konvenuti.

"5. Fil-hames lok li t-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi;

"6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz."

Rat li b'digriet tal-14 ta' Frar 2005, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ordnat il-kjamat fil-kawza ta' David u Patricia Anastasi, Wallace u Domenica Fino, Christopher u Claudette Gauci u l-kumpanija Forsite Design and Project Management Ltd;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti kjamati in kawza David Anastasi, Patricia Anastasi u s-socjeta` Forsite Design and Project Management Services Ltd li in forza taghha eccepew illi:

"1. Illi l-konvenuti kjamati in kawza mhumiex tenuti jhallsu l-ebda somma flus lis-socjeta' attrici stante li l-istess socjeta` attrici ghazlet, kif kien fil-jedd taghha, illi tistitwixxi l-kawza *de quo* a tenur ta' l-Artikolu 1165 (1) (a)

tal-Kodici Civili [Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta], unikament kontra whud biss mill-garanti solidali, iktar precizament il-konvenuti Victor Zammit u Rose Zammit li huma ghalhekk unikament responsabbli ghall-hlas mitlub mis-socjeta` attrici bi dritt semmai ta' rivalsa kontra l-konvenuti kollha kjamati in kawza a tenur ta' l-Artikolu 1949 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

“2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti kjamati fil-kawza Christopher u Claudette konjugi Gauci li in forza taghha eccepew illi:

“1. Preliminarjament, in-nullita` tal-kjamata in kawza ta' Christopher u Claudette konjugi Gauci a bazi tal-kawza attrici kif ifformolata;

“2. Fil-mertu, in-nullita` tas-surroga maghmula a favur is-socjeta` attrici stante kolluzjoni u frodi bejn is-socjeta` attrici, il-garanti kjamati fil-kawza konjugi Anastasi u d-debitrici principali, is-socjeta` Forsite Design and Project Management Services Limited, a skapitu tal-konvenuti u tal-kjamati fil-kawza l-ohra;

“3. Fit-tielet lok, in-nullita` tas-surroga maghmula a favur is-socjeta` attrici stante li debitu principali gie effettivament imhallas mid-debitur principali;

“4. Fir-raba' lok, gie eccepit illi Christopher u Claudette konjugi Gauci mhumiex edotti dwar id-debitu principali allegat, u li ghalhekk trid issir il-prova tieghu u tal-garanziji allegati;

“Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta' Frar 2010 li in forza taghha ddecidiet il-kawza fis-sens li gej:

“Riferibbilment ghat-talbiet attrici tilqagghom biss fis-sens li tiddikjara lill-konvenuti Zammit, lill-kjamati in kawza

David u Patricia konjugi Anastasi, Wallace u Domenica konjugi Fino u Christopher u Claudette konjugi Gauci debituri versu s-socjeta` attrici fis-somma ta' tmienja u ghoxrin elf erba' mija u tmintax-il Lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm28,418.85) fis-sens li kull parti hija debitrici ta' l-ottava parti, u ghalhekk tikkundanna lill-konvenuti u kjamati in kawza jhallsu l-ammont hekk dovut lis-socjeta` attrici kif hawn fuq imsemmi. Bid-dritt riservat lil kull parti minnhom ghad-danni kontra l-Forsite Design and Project Management Limited.

“Spejjez parti minn tmienja (1/8) Victor Zammit, Rose Zammit, David Anastasi, Patricia Anastasi, Wallace Fino, Domenica Fino, Christopher Gauci u Claudette Gauci.”

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**“C. PROVI:**

“Rat l-affidavit ta' Patricia Anastasi a fol 19 tal-process fejn sostanzjalment ikkonfermat il-fatti msemmija fic-citazzjoni.

“Xehdet Patricia Anastasi u qalet li d-ditta Forsite Design & Project Management Services Limited hija tar-ragel taghha, u garanti taghha kien hemm is-Sinjuri Zammit, Fino u Gauci flimkien maghha u mar-ragel taghha. Ziedet li hemm kumpanija li hija Barb Holdings Ltd li hija kwazi kollha taghha u li giet furmata fit-18 ta' Frar 2003 u cioe` ftit zmien qabel ma sar il-kuntratt tat-12 ta' Marzu. Hallset il-kumpanija taghha biex b'hekk ikun jista' jsir il-hlas minghajr ma joqghodu jidhlu garanziji u hlasijiet ta' Victor Zammit, Wallace Fino u Chris Gauci u n-nisa taghhom.

“F'xhieda ohra qalet li l-kumpanija attrici giet iffurmata meta l-papa` taghha ghaddielha xi flus u kienet iddecidiet li taghmel xi impriza kummercjali biha. Il-pozizzjoni taghha fil-kumpanija hija dik ta' direttur. Permezz tal-flus tal-Barb kienet nehhiet il-garanziji tal-flus taghha u tar-ragel u kif ukoll tal-Forsite billi hallset xi Lm13,000 sa Lm15,000, u Forsite harget l-istess ammont.

"Gie prezentat affidavit ta' Victor Zammit li fih issemma li bejn is-snin 1998 u 2002 kien *non-executive director* fil-*Price Club Group*. Ix-xoghol tieghu bhala direttur kien l-aktar li jiehu parti f'*board meetings* u ma kellux funzjoni ezekuttiva jew amministrattiva. Meta kien qieghed isir ir-*refurbishment* ta' wiehed mis-*supermarkets* gewwa Birkirkara, id-diretturi l-ohra Wallace Fino u Chris Gauci kienu qalulu li l-progett kien thalla f'idejn David Anastasi tad-ditta Forsite Ltd. David Anastasi kien habib kbir ta' Wallace Fino peress li dawn it-tnejn kienu jahdmu flimkien meta kienu ghadhom ma' Fino Ltd Ta' l-Imriehel. Ix-xoghol sar bejn is-sena 1999 u 2000 u sakemm dan sar, is-*supermarket* kien dam xi gimghat maghluq. Ftakar li l-progett kien ser jiswa vicin in-nofs miljun lira u gie allokat lil Forsite Ltd ta' David Anastasi. Fil-kors tax-xoghol kienu cemplulu d-diretturi u ipproponewlu biex David Anastasi jiehu *loan* mill-bank ta' Lm50,000 fuq isem id-ditta tieghu Forsite Ltd. halli jkopri xiri ta' materjali biex ikun jista' jitlesta x-xoghol. Kien infurmat li David Anastasi ried xi forma ta' garanzija minghandhom biex il-bank japprovalu din il-*loan* ta' Lm50,000 sakemm huwa jithallas kompletament mill-*Price Club Group*. Kien sar ftehim biex din is-somma tigi garantita personalment minn David Anastasi u l-mara tieghu kif ukoll mid-diretturi tal-*Price Club Group* jigifieri minnu, Wallace Fino u Chris Gauci u minn nisa taghhom ukoll.

"Wara li tlesta x-xoghol l-parti kbira ta' dan il-progett thallas. Il-bilanc li David Anastasi kellu mal-bank beda jithallas ukoll u wara li l-*Group* spicca l-operat tieghu fl-2001/2 kien baqa' bilanc ta' madwar Lm28,000. Meta kellmu Dr. Antoine Naudi biex ihallas l-ammont kollu hu, hass li ma kellux jaghmel dan ghax id-dejn kien garantit minn diversi. Talbu zmien biex ikellem lid-diretturi l-ohra biex ikopru l-ammont divizibbli bejniethom. Dawn kienu qalulu jorganizza *meeting* ma' David Anastasi, u infatti meta fl-24 ta' April 2003 ircieva ittra gudizzjarja minghand Barb Holding Ltd. biex ihallas l-ammont ta' Lm28,418.85, staghgeb, u dan specjalment minhabba li hu qatt ma kien ghamel negozju ma' Barb Holdings Ltd, u mhux mitlub minn Forsite Ltd. u maqsum skond il-ftehim li kienu

ghamlu. Sar jaf li d-ditta Barb Holdings Ltd. kienet ghadha kif giet kostitwita u jidher li saret effettivament biex tkun tista' thallas id-dejn. Ghalhekk Barb Holding kienet kumpanija ta' Patricia Anastasti (li kienet garanti bhalu). Hu ma dehrlux li ghandu dejjem ikun l-uniku bniedem responsabbli ghad-djun naxxenti mill-kwistjoni tal-Price Club.

"Gie prezentat affidavit ta' <u>Christopher Gauci</u> li fih issemma li l-kuntatt ma' David Anastasi li nholoq tramite Wallace Fino, li kien direttur mieghu u ma' Victor Zammit tal-Grupp Price Club. David Anastasi li kien jahdem mal-grupp tal-familja Fino baqa' f'kuntatt ma' Wallace peress illi kellhom *working relationship* tajba. Kienet giet giet iffurmata l-kumpanija Forsite bejn Anastasi u Wallace Fino, b'dan illi kien deher bhala *shareholder* Anastasi biss, filwaqt illi kien ghadda *blank share transfer form* flimkien ma' *blank Form* T. L-originali qeghdin ghand Wallace Fino. Meta kienu ser jibdew il-process ta' *refurbishment* tal-hwienet tal-grupp Price Club, Wallace infurmahom li hu u Victor jidhlu wkoll shab fil-kumpannija, u li din il-kumpannija tinghata x-xoghol kollu ta' *design* tal-grupp Price Club. Huma accettaw u David Anastasi talab finanzjament minghand il-Bank of Valletta sabiex ikun jista' jidhol ghall-progett. Iddecidew pero` li f'dak l-istadju ma jidhlux bhala azzjonisti ghaliex il-kumpannija kienet qed tiehu kuntratti anke minghand kompetituri tal-Price Club u bezghu li jitnaffru jekk jidhlu shab fil-kumpanija.

"Il-kumpannija hadet facilitajiet biex tiffinanzja primarjament il-kuntratt li hadet minghand Price Club, u thallset *in parte* tax-xoghol li ghamlet u fl-istess hin iggenerat min kuntratti ohra. L-*accounts* tal-kumpanija juru li kien hemm flus bizzejjed biex il-kumpanija thallas id-dejn li kellha minghajr ma jidhlu l-*guarantors*. Gara pero` li meta falla l-grupp Price Club, David Anastasi cahad dak kollu li kienu ftiehmu dwaru u b'mod misterjuz sparixxew il-flus li l-istess David Anastasi kellu ghad-disposizzjoni. Ghadu qatt ma nghata sodisfazzjon dwar fejn marru l-flus ta' Forsite. Hu sostna li l-flus ittiehdu minn Forsite biex giet iffurmata Barb Holdings.

"Xehed Christopher Gauci u qal li hafna minn dak li qal fl-affidavit kien bazat fuq kliem li kien qallu Wallace Fino. Sostna li mhux veru li David anastasi ha *loan* ghalihom. Dan il-kumpanija hadet kuntratt ta' xoghol biex tbigh servizzi u xoghol minn kumpanija ohra. Kull ma kien qed jinbiegh kien qed jinbiegh bi qligh adegwat biex tkopri l-ispejjez. L-inkwiet tal-Price Club nqala' bejn April u Mejju 2001. Forsite ghamlet progett *turnkey* b'diversi *sub-contractors* u David Anastasi kien ha hsieb il-progett *from A to Z*. Sostna li kien hemm flus fil-kumpanija li l-ammont kien jissupera dak dovut lill-bank u mbaghad wahda li kumbinazzjoni dahlet kumpanija ohra li din hallset dawn il-flus biex iggib dawn id-drittijiet tas-surrogat fil-konfronti taghhom, hija misterjuza ghalih. Sostna li l-flus gew mehuda mill-kumpanija bil-fors minn David Anastasi ghax sa fejn jaf hu kien l-unika firmatarju.

"F'xhieda ohra qal:

""Dwar ix-*share option* kif kont spjegat fl-affidavit tieghi kien jidher li l-arrangament kien li meta ridna konna stajna nidhlu f'din il-kumpanija b'certu ammont ta' *shares*. *On paper* kien ghamilha s-Sur Walace Fino u ahna kellna arrangament verbali mas-Sur Walace Fino li jekk ssir din konna ha naghmlulha flimkien. Hu kien mexa ghal rasu wara ghax ma kellix ebda interess li naghmilha jien. Ahna jigifieri individwalment jiena, Wallace Fino u s-Sur Victor Zammit."

"Xehed David Anastasi u qal li jaghraf il-firma tieghu fuq ix-*share transfer* a fol 83 tal-process. Semma li kien hemm intenzjoni bejnu u bejn Price Club Operators Limited li fi zmien sitt xhur huma jistghu jekk jridu juzaw dak id-dritt biex jidhlu *shareholders* fil-kumpanija permezz ta' dak id-dokument li hu iffirma. Zied li dak iz-zmien ir-relazzjoni bejn Forsite u Wallace Fino u l-kumplament tad-diretturi tal-Price Club Operators kienet tajba hafna. Zied li hu m'ghandux ishma fil-Barb Holdings, izda l-mara tieghu. Il-mara tieghu kienet fethet din il-kumpanija bl-intenzjoni ta' proprjeta` fiha u fil-fatt anke l-isem Barb Holdings jirrifletti l-kunjom taghha xebba ghax kienet proprjeta` min-naha tal-papa` taghha l-Perit Joseph

Barbara. Il-kumpanija giet iffurmata matul il-komunjoni. Mistoqsi dwar meta kien hemm il-kroll tal-Price Club kienx hemm Lm40,000 fi flus kontanti fil-kumpanija Forsite semma li dak iz-zmien skond kif fix-xoghol tieghu jigri kien hemm certu *works in progress*. Ix-xoghol ta' Forsite Design huwa *interior design*, *project management* u *contracting*. Meta jkun hemm *contracting*, ikun hemm valuri ta' progetti pjuttost kbar u dak kien hemm hafna *works in progress* jigifieri dak l-ammont ta' flus li qed tara biex jithallsu certu kuntratturi. Izda sostna li l*audited accounts* huma aktar reali ghax ovvjament juru l-ammont ta' flus li gew waqt dawk is-snin. Mistoqsi dwar x'inhi l-pozizzjoni finanzjarja tal-Forsite illum qal li l-kumpanija ilha ma tkun *in operation* ghal numru ta' snin ghax l-operat issa qed jsir mill-kumpanija F.S. Design, ir-raguni ghaliex qed topera taht F.S. Design hija r-raguni principali minhabba t-tahwid li kien qed jkun hemm ghax kienet qed tigi spelluta hazina, kien miftehma li hija l-kumpanija tal-Avukat Patrick Spiteri u allura kien fetah din il-kumpanija bl-isem F.S. Design.

**"D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

***"D1. Fatti tal-kaz:***

"Illi din il-kawza giet intavolata mill-kumpanija attrici stante li hallset l-ammont ta' Lm28,418.85 ghad-debiti tas-socjeta` Forsite Design and Project Management Services Limited. Illi l-kumpanija attrici hallset l-ammont imsemmi hawn fuq lill-Bank ghad-dejn tas-socjeta` Forsite Design and Project Management Services Limited u ghalhekk tikkontendi li giet surrogata fl-istess att fid-drittijiet kollha ta' l-imsemmi Bank of Valletta p.l.c. Ghalhekk il-kumpanija attrici ipprocediet bil-kaz odjern.

"Irrizulta li Patricia Anastasi kienet iffurmat il-kumpanija Barb Holdings Limited li hallset id-debitu kollu tal-kumpanija Forsite Design and Project Management Services Limited permezz ta' kuntratt datat 12 ta' Marzu 2003. Permezz ta' dan il-kuntratt, is-socjeta` Barb Holdings Limited giet surrogata fl-istess att fid-drittijiet

kollha tal-Bank of Valletta p.l.c.  Fil-fatt hemm stipulat hekk:

““*Now, therefore, in virtue of this deed, the Bank declares to be presently receiving from the company the sum of twenty eight thousand, four hundred and eirghteen Maltese Liri and eighty five cents (Lm28,418.85) in full and final settlement of the balance due for the said loan…..and the Bank is hereby subrogating the company in all the Bank's rights litigious or otherwise, registered against Forsite design and Project Management Services Limited, and those secured against the co-guarantors, Victor Zammit, Rose Zammit, Wallace Fino, Domenica Fino, Christopher Gauci, Claudette Gauci, David Anastasi, and Patricia Anastasi*.”  (fol 12).

***“D2.   Talbiet u eccezzjonijiet:***

“Min-naha l-ohra, il-konvenuti Victor u Rose Zammit eccepew li l-ammont li *semmai* ghandu jithallas huwa ferm inqas, u li stante li l-kumpanija Barb Holdings Limited u Patricia Anastasi huma sostanzjalment l-istess persuna, il-Qorti ghandha tmur kontra l-*corporate veil*, stante li dan l-arrangament kien sar bi pregudizzju ghall-konvenuti.  Gie eccepit ukoll li s-surroga favur l-attrici ma tiswiex kontra l-eccipjenti.

“Illi l-kjamati in kawza Christopher u Claudette Gauci laqghu billi eccepew in-nullita` tas-surroga minhabba kolluzjoni u frodi.

“Di piu` David u Patricia Anastasi u s-socjeta` Forsite Design and Project Management Services Limited eccepew li skond l-artikolu 1165(1) tal-Kap 16 huma istitwew il-kawza biss kontra whud mill-garanti solidali u cioe` Victor u Rose Zammit.

“Jibda biex jinghad li fil-kuntratt tat-21 ta' Marzu 2000, il-konvenuti Victor u Rose Zammit ikkostitwew ruhhom bhala garanti solidali favur is-socjeta` Bank of Valletta p.l.c. ghad-debiti tas-socjeta` Forsite  Design and Project Management Services Limited (fol 5 u 6).

***"D3. Artikoli 1165 (1)(2), 1948 u 1949 tal-Kap 16:***

"L-artikolu 1165 (1) tal-Kap 16 jiddisponi li:

""Min ihallas id-dejn jidhol fil-jeddijiet tal-kreditur, b'konvenzjoni:

"a) meta l-kreditur idahhal floku l-persuna li minghandha jiehu l-hlas fil-jeddijiet tieghu kollha kontra d-debitur, basta li din is-surroga ssir espressament u flimkien mal-hlas.

"b) meta d-debitur jiehu b'self somma ta' flus biex ihallas dejnu, u biex idahhal lil min jisilfu fil-jeddijiet tal-kreditur:

"Izda sabiex din is-surroga tkun tiswa hu mehtieg -

"i) illi s-self u r-ricevuta jsiru b'att pubbliku.

"ii) illi fl-att tas-self jigi ddikjarat li s-somma giet mehuda b'self sabiex jithallas id-dejn, u

"iii) illi fir-ricevuta jigi ddikjarat li l-hlas sar bil-flus mahruga ghaldaqshekk mill-kreditur il-gdid."

"Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, Victor u Rose Zammit irrilevaw li veru li l-Artikolu 1949 tal-Kodici Civili ighid hekk:

""(1) meta zewg persuni jew iktar ikunu dahlu garanti tal-istess debitur u ghall-istess dejn, il-garanti li jhallas id-dejn ghandu jedd idur kontra dawk l-ohra li jkunu garanti mieghu, kull wiehed minnhom ghas-sehem tieghu."

"(2) Il-garanti ghandu dan il-jedd ta' regress fil-kaz biss li jkun hallas f'wiehed mill-kazijiet imsemmijin fl-ahhar artikolu qabel dan."

"Issa l-artikolu 1948 jelenka lista ta' meta l-garanti jista' jagixxi kontra d-debitur ghar-rivalsa:

"Il-garanti, ukoll qabel ma jhallas, jista' jagixxi kontra d-debituri sabiex jigi minnu rilevat -

"a) jekk jigi mharrek ghall-hlas;

"b) jekk id-debitur ifalli jew isir mhux solvibbli, jew l-istat tieghu jitbiddel u jkun hemm il-ghaliex wiehed jibza' li sejjer isir mhux solvibbli;

"c) jekk id-debitur ikun obbliga ruhu li ghandu jehilsu mill-garanzija fi zmien miftiehem, u dan iz-zmien ikun ghalaq;

"d) jekk id-dejn ikun sar ezigibbli billi jkun ghalaq iz-zmien miftiehem ghall-hlas;

"e) jekk id-debitur ikun in mora fil-hlas;

"f) eghluq sentejn, jekk ma jkunx gie iffissat zmien ghall-hlas, u l-obbligazzjoni ma tkunx minnha nfisha tali li ma tistax tigi mitmuma qabel zmien itwal."

***"<u>D4. Ekwita` u ligi:</u>***

"Wara li l-Qorti semghet ix-xhieda u ezaminat id-dokumenti ghandha problema quddiemha li ghandha l-obbligu li ssegwi l-ligi, u li fl-istess hin tapprezza u tixtarr il-fatti kollha tal-kaz b'mod li ma tasalx ghal ksur serju ta' ekwita` minhabba li sfortunatament il-partijiet fil-kawza ippruvaw juzaw l-istratagemmi Macchiavellani kollha biex jaharbu mir-responsabbiltajiet kollha legali u finanzjarji u jallokawhom fuq il-partijiet l-ohra. Min-naha trid tammira l-kapacitajiet legali tal-partijiet jew konsulenti legali fil-kawza, izda min-naha l-ohra l-Qorti ma tistax tkun ko-partecipi f'dawn il-makkinazzjonijiet.

"Hemm diversi principji legali, senjatament dak tas-solidarjeta` u dak tal-ksur tal-*corporate veil* li jistghu jwasslu ghal *miscarriage of justice*.

“Illi l-argument sostnut mill-konvenuti Zammit fin-nota taghhom, huwa li ladarba s-socjeta` attrici ma ppruvatx l-ebda wahda mill-kundizzjonijiet elenkati fl-artikolu 1948, m’ghandiex id-dritt li ddur fuq il-garanti l-ohra ghall-hlas tas-sehem taghhom, izda semmai kellha ddur minnufih fuq is-socjeta` debitrici. Dan anke ghaliex gie sostnut mill-konvenuti li s-socjeta` Forsite Design and Project Management Services Limited kellha ammont ta’ flus depozitat. Izda jigi dedott, u din il-Qorti hija tal-fehma li dan ma giex ippruvat fl-ebda hin mill-konvenuti. Li kieku gew ippruvati xi assi propjeta’ tal- Forsite Design and Project Management Services Limited, certament li kienet hi li kienet tkun trid thallas.

“Jekk wiehed jimxi bl-applikazzjoni stretta ta’ l-artikoli 1948 u 1949 tal-Kap 16, dan iwassal ghal li l-garanti l-ohra (it-tlieta l-ohra – Zammit, Gauci u Fino) jehilsuha lixxa mir-responsabbilta` taghhom, u certament li f’dan il-kaz ma tkunx saret gustizzja. Illi kemm-il darba l-kumpanija Forsite Design and Project Management Services Limited ma kellhiex fondi din kienet sejra ssir mhux solvibbli, u ghalhekk ikunu thallsu l-flus mis-socjeta` Barb Holdings Limited. Fil-fatt, Patricia Anastasi qalet:

““Ghandi nghid li permezz tal-flus tal-Bank kont issetiljajt il-garanziji tal-flus tieghu u tar-ragel u kif ukoll tal-Forsite. Il-flus kont hrigthom jiena, parti kien harighom ir-ragel, jew *personal loan* ghax ma nistax niftakar ezatt id-dettalji. Ghandi l-impressjoni li l-Barb Holdings kienet harget tlettax-il elf ghal dan l-iskop.” (fol 129).

“Izda, fix-xhieda precedenti li kienet tat Patricia Anastasi stess qalet:

““Ghandi nghid li fil-fatt, jiena u r-ragel tieghi konna garanti ghal dan ukoll.” (fol 48).

“Di piu`, kif diga ssemma iktar ’il fuq, David u Patricia Anastasi kienu msemmijin flimkien mal-garanti l-ohra. (fol 10 sa 13).

“Fin-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ Victor u Rose Zammit insibu sostnut li l-konjugi Zammit ma jistghux jigu mfittxa biex ihallsu kollox huma izda s-sehem taghhom huwa ta’ kwart (1/4) tas-somma mitluba, u cioe` ottava (1/8) kull wiehed u wahda minnhom, u dan flimkien mal-garanti l-ohra msemmija fil-kuntratt esebit minn fol 10 sa 13.

“F’dan il-kuntest, ta’ min isemmi li l-artikolu 1950 tal-Kap 16 jiddisponi li:

““Il-garanti li jhallas id-dejn jista’ jitlob biss minghand kull wiehed minn dawk li jkunu garanti mieghu s-sehem li ghalih ghandu jwiegeb kull wiehed minnhom, u huwa nnifsu, flimkien mal-garanti l-ohra, ghandu johrog sehem ghall-ishma tal-garanti mhux solvibbli, ukoll jekk, meta hallas, ikun ha minghand il-kreditur cessjoni espressa tal-jeddijiet tieghu.”

“L-artikolu 1937 tal-Kap 16 ighid hekk;

““(1) Meta tnejn min-nies jew izjed jidhlu bhala garanti tal-istess debitur u ghall-istess dejn kull wiehed minnhom ikun obbligat ghad-dejn kollu…”
“Issa, din il-Qorti sejra tezamina l-eccezzjonijiet imqanqla mill-konvenuti li s-surroga hija nulla stante kolluzjoni u frodi, bejn is-socjeta` attrici u David Anastasi u Patricia Anastasi fejn fl-eccezzjonijiet gie sollevat il-punt li din il-Qorti ghandha tmur oltre l-*corporate veil*, u tapplika l-artikolu 1949 tal-Kap 16, liema artikolu diga gie citat hawn fuq u l-Qorti diga ippronunzjat ruhha fuqu.

“Il-Professur Andrew Muscat, fil-ktieb tieghu *Principles of Maltese Company Law* (pagna 314) jikteb:

*““both the English and the Maltese courts have not hesitated to lift the corporate veil in circumstances where the corporate form has been used for a fraudulent or improper purpose, including its use to evade a contractual or other legal obligation.'*

“Fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Chetcuti noe vs Peter Paul Camilleri**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-4 ta' Dicembru 1998 inghad:

““hu llum guridikament pacifiku li min ikun ikkuntratta f’ismu proprju ma jistax sussegwentement juza l-paraventu tas-socjeta' kummercjali jew ta' terza persuna ohra sabiex jevita r-responsabbilita' kontrattwali tieghu. Ghall-kuntrarju, kull min jidhol f’kuntratt u sussegwentement jiddelega t-thaddim ta' dak il-kuntratt lil terzi jew jippermetti lil haddiehor jesegwixxi l-kuntratt jew parti minnu, jibqa' dejjem obbligat personalment bil-kondizzjonijiet u l-obbligi kontrattwali ghax kien dover tieghu li jassigura li dawn jigu osservati minn din it-terza persuna. Kif hu llum accettat ukoll li mhux permissibbli li xi hadd jistahba wara l-maskra tal-kumpannija tieghu biex jaghmel dak li altrimenti ma jkunx jista' jaghmel personalment...”

“Diversi drabi l-Qrati Maltin applikaw il-*lifting of the corporate veil* anke f’kazijiet fejn m’hemmx dispozizzjoni espressa ta’ ligi. Fil-kawza fl-ismijiet **Dr. Jose` Herrera noe et vs Tancred Tabone et noe** (deciza mill-Qorti Kummercjali fis-26 ta' Jannar 1989 u mill-Qorti ta' l-Appell fl-1992, Vol. LXXVI.ii.321, u ritrattazzjoni deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fl-1996, Vol. LXXX.11.508) gie applikat dan il-principju. Infatti fis-sentenza ta’ l-1992 jinghad:

““skond l-artikolu 933 tal-Kodici Civili, il-kuntratti ghandhom jigu esegwiti in bona fede u jobbligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom izda ukoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skond ix-xorta taghha bl-ekwita', bl-uzu u bil-ligi.”

“Sentenzi ohra relevanti huma:

**“Edward u Giovanni Leone Enriquez vs Avukat Dr. Anthony Farrugia et** (deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Ottubru 1995);

**"Nevada Limited et vs Hubert Mifsud et** (deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta' Novembru 1998 u mill-Qorti ta' l-Appell fis-16 ta' Frar 2004).

"Illi fil-fatt, dak allegat huwa li l-istess kuntratt huwa milqut minn simulazzjoni relattiva, u cioe` li l-prezenza tas-socjeta` Barb Holdings Limited, kienet sabiex tghatti l-fatt li Patricia Anastasi fil-fatt, kienet wahda mill-garanti solidali flimkien mal-garanti solidali l-ohra kollha.

"Illi minn ezami bir-reqqa ta' l-atti tal-kaz, jigi dedott li l-konvenuti allegaw izda ma ressqu l-ebda provi f'dan ir-rigward. Illi ma gew ippruvati la frodi lanqas kolluzjoni jew simulazzjoni. Chris Gauci fix-xhieda tieghu qal hekk:

""………kien hemm flus fil-kumpanija Lm37,000 ma nafx fejn marru, kien hemm flus ohrajn li kienu tal-kumpanija stess li dawn bejniethom kienu jissuperaw dak l-ammont li kien dovut lill-Bank, jigifieri mbaghad it-tielet wahda li, li kumbinazzjoni dahlet kumpanija ohra, li din hallset dawn il-flus biex iggib dawn id-drittijiet tas-surrogat fil-konfront taghna hija misterjuza ghalija. Fil-paragrafu qabel ta' l-ahhar dwar l-informazzjoni tal-Barb Holdings, jiena nsosnti li l-flus gew mehuda mill-kumpanija, bil-fors minn David Anastasi, ghax sakemm naf jien kien l-unika firmatarju, jekk dawn il-flus intuzawx biex tinfetah Barb Holdings jew le, dik nista' nissuspetta, ma nistax nghidha bhala fatt." (fol 112 u 113).

"Illi allegazzjonijiet jew suspetti mhumiex provi sufficjenti. Illi skond il-massima *juxt allegata et probata* min jallega jrid jipprova. Illi l-fatt li l-kumpanija Barb Holdings Limited giet iffurmata minn Patricia Anastasi li fil-fatt kienet direttur ta' l-istess kumpanija, u l-fatt li din il-kumpanija giet iffurmata mill-mara ta' David Anastasi, mhix prova sufficjenti li tista' twassal ghal frodi jew simulazzjoni. Hawnhekk ta' min isemmi li:

""Biex ikun hemm simulazzjoni irid ikun hemm ix-xjenza tal-partijiet kollha li jridu joholqu l-att simulat." Vol. XXXVII-pII-p.797. (Ara wkoll **Joseph Vassallo et vs**

**Carmelo Vassallo et –** 13 ta’ Lulju 2001, Qorti ta’ l-Appell).

“Fil-fehma tal-Qorti il-hlas li sar minn Barb Holdings Limited kien *ai termini* ta’ l-Artikolu 1948 u allura dawn kellhom id-dritt ta' l-irkupru minghand il-garanti l-ohra. Izda a tenur ta’ l-artikolu 1949(1) il-garanti li jhallas id-dejn ghandu jedd idur kontra dawk l-ohra li jkunu garanti mieghu, kull wiehed minnhom fis-sehem tieghu u ghalhekk kull wiehed mill-konjugi Zammit, Fino, Gauci u Anastasi huwa responsabbli ghal kwart ta’ l-ammont imhallas bhala garanzija u dan dejjem salv kull dritt kontra l-Forsite Design and Project Management Limited. Propjament kull garanti huwa responsabbli ghal ottava parti (1/8) kull wiehed. Ukoll l-artikolu 1950 tal-Kap 16 jghid:

““Il-garanti li ihallas id-dejn jista' jitlob biss minghand kull wiehed minn dawk li jkunu garanti mieghu s-sehem li ghalih ghandu iwiegeb kull wiehed minnhom, u huwa nnifsu, flimkien mal-garanti l-ohra, ghandu johrog sehem ghall-ishma tal-garanti mhux solvibbli, ukoll jekk, meta hallas, ikun ha minghand il-kreditur cessjoni espressa tal-jeddijiet tieghu.”

“Illi fil-fatt il-garanti l-ohra huma wkoll parti f’din il-kawza stante li din il-Qorti laqghet it-talba ghall-kjamata in kawza.”
Rat ir-rikors tal-appell ta’ Christopher Gauci u martu Claudette Gauci li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti joghgobha:

“… … tirriforma, timmodifika u tvarja s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim’Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta’ Frar 2010 fl-ismijiet *Barb Holdings Ltd vs Victor Zammit u Rose Zammit u b’digriet tal-14 ta’ Frar 2005 gew kjamati fil-kawza David u Patricia Anastasi, Wallace u Domenica Fino, u Christopher u Claudette Gauci u l-kumpanija Forsite Design and Project Management Limited*, Citazzjoni numru 997/03 CFS, u dan billi, filwaqt illi tikkonferma s-sentenza appellata safejn warrbet il-*corporate veil* ezistenti bejn is-socjeta` attrici u l-kjamati fil-

kawza konjugi David u Patricia Anastasi, thassarha, tannullaha u tirrexxindiha in kwantu u safejn laqghet it-talbiet attrici u cahdet l-eccezzjonijiet imressqa mill-esponenti appellanti konjugi Gauci u safejn cahdet l-eccezzjonijiet tal-partijiet l-ohra safejn kompatibbli mal-istess eccezzjonijiet tal-esponenti appellanti konjugi Christopher u Claudette Gauci, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` attrici u/jew kontra l-konjugi David u Patricia konjugi Anastasi."

Rat ir-risposta u l-appell incidentali tas-socjeta` attrici li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet sabiex din il-Qorti joghgobha:

"… … tvarja s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet premessi moghtija fl-24 ta' Frar 2010 kif imiss billi:

"a. Tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti konjugi Zammit u tal-kjamati in kawza konjugi Gauci safejn mhux kompatibbli mat-talbiet tas-socjeta` appellata u tilqa' t-talbiet tas-socjeta` appellata u tal-kjamati in kawza konjugi Anastasi u tas-socjeta` kjamata in kawza Forsite Design and Project Management Services Limited;

"b. tiddikjara lill-konvenuti Zammit debituri versu s-socjeta` appellata fis-somma ta' sitta u sittin elf mija tmienja u disghin euro u ghaxar centezmi (€66,198.10);

"c. tikkundanna lill-konvenuti Zammit jhallsu dan l-ammont hekk dovut lis-socjeta` appellata flimkien ma' l-imghax fuq is-somma kapitali mis-6 ta' Gunju 2003 sad-data tal-pagament effettiv;

"d. bl-ispejjez kollha inkorsi fiz-zewg istanzi.

"U mill-bqija tichad l-appell tal-kjamati in kawza konjugi Gauci safejn dan m'huwiex kompatibbli mat-talbiet tas-socjeta` appellata;

"15. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, f'kaz illi din l-Onorabbli Qorti thoss illi ghandha taqbel mas-sentenza tal-ewwel Qorti kif inghatat u cioe` in kwantu din

iddikjarat lill-konvenuti Zammit, lill-kjamati in kawza konjugi Anastasi, konjugi Fino u konjugi Gauci debituri versu s-socjeta` appellata, l-istess socjeta` appellata umilment titlob li din il-Qorti joghgobha tvarj s-sentenza appellata kif imiss billi:

“a. Tiddikjara lill-konvenuti Zammit, lill-kjamati in kawza konjugi Anastasi, konjugi Fino u konjugi Gauci debituri versu s-socjeta` appellata fis-somma ta’ sitta u sittin elf mija tmienja u disghin euro u ghaxar centezmi (€66,198.10) fis-sens li kull parti hija debitrici tal-ottava parti;

“b. tikkundanna lill-konvenuti Zammit sabiex ihallsu l-imghax fuq il-parti tas-somma kapitali dovuta minnhom mis-6 ta’ Gunju 2003 sad-data tal-pagament effettiv;

“c. tikkundanna lill-kjamati in kawza konjugi Anastasi, konjugi Fino u konjugi Gauci sabiex ihallsu l-imghax fuq il-parti tas-somma kapitali dovuta minnhom mid-dati rispettivi ta’ meta gew notifikati bid-digriet tal-kjamat in kawza sad-data tal-pagament effettiv;

“d. tikkonferma l-kap tal-ispejjez in kwantu dawn ghandhom jigu ssopportjati parti minn tmienja ($^1/_8$) Victor Zammit, Rose Zammit, David Anastasi, Patricia Anastasi, Wallace Fino, Domenica Fino, Christopher Gauci u Claudette Gauci.”

Rat in-nota tal-kjamati fil-kawza Christopher Gauci u ta’ martu Claudette Gauci:

“Li permezz taghha, b’referenza ghall-appell incidentali intavolat mis-socjeta` attrici, jiddikjaraw li jirreferu ghar-ragunijiet dettaljati fir-rikors tal-appell taghhom, u jirrizervaw li jaghmlu sottomissjonijiet ulterjuri seduta stante.”

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza jirrizulta illi bi skrittura tal-21 ta' Marzu 2000, il-konjugi Victor u Rose Zammit ikkostitwew ruhhom favur il-Bank of Valletta plc bhala garanti in solidum mad-debitur principali Forsite Design and Project Management Services Limited (minn issa 'l quddiem msejha Forsite), u dan *"in consideration of your giving time credit and/or banking facilities and accomodation"* lid-debitur principali, u dan sal-ammont ta' erbghin elf liri Maltin (Lm40,000). B'kuntratt tas-26 ta' Settembru 2000, il-Bank of Valletta plc ta kreditu u facilitajiet bankarji lis-socjeta` Forsite, b'garanzija personali u solidali ta' Victor u Rose konjugi Zammit, Wallace u Domenica konjugi Fino, Christopher u Claudette konjugi Gauci, u David u Patricia konjugi Anastasi.

B'kuntratt tat-12 ta' Marzu 2003, is-socjeta` debitrici Forsite ikkostitwiet ruhha vera, certa u likwida debitrici a favur l-imsemmi bank fis-somma ta' tmienja u ghoxrin elf, erba' mija u tmintax-il lira Maltin u hamsa u tmenin centezmi (Lm28,418.85).

B'kuntratt ukoll tat-12 ta' Marzu 2003, is-socjeta` attrici hallset lill-bank imsemmi dan id-dejn u l-Bank iddikjara li kien qed jircievi s-somma ta' tmienja u ghoxrin elf, erba' mija u tmintax-il lira Maltin u hamsa u tmenin centezmi (Lm28,418.85) *"in full and final settlement"* tas-self li kien ta lis-socjeta` Forsite, u, fl-istess hin, issuroga lis-socjeta` attrici *"in all the bank's rights, litigious or otherwise"* kontra Forsite u l-garanti. B'ittra ufficjali tal-21 ta' Marzu 2003, is-socjeta` attrici talbet rifuzjoni tal-flus li halset lill-Bank of Valletta plc, u dan minghand is-socjeta` Forsite u l-garanti kollha. Saret ukoll ittra ufficjali ohra fis-6 ta' Gunju 2003 specifikament kontra Victor u Rose Zammit. Il-hlas baqa ma sarx, u s-socjeta` attrici fethet din il-kawza biex tirkupra l-hlas li ghamlet lill-bank kreditur, u dan kif surrogata fid-drittijiet tal-istess bank.

Illi ghal din it-talba gew eccepiti diversi eccezzjonijiet li gew michuda mill-ewwel Qorti li kkundannat lill-garanti,

f’sehem ta’ parti minn tmienja kull wiehed, jirrifondu lis-socjeta` attrici s-somma ta’ tmienja u ghoxrin elf, erba’ mija u tmintax-il lira Maltin u hamsa u tmenin centezmi (Lm28,418.85).

Mis-sentenza kif inghad, appellaw biss il-konjugi Gauci li ressqu diversi aggravji li sejrin issa jigu trattati minn din il-Qorti. Sar appell incidentali mis-socjeta` attrici li ressqet tliet aggravji.

Fl-ewwel lok, l-appellanti jissottomettu li t-talba attrici ghandha tigi michuda peress illi ma saritx il-prova tad-debitu principali li a bazi tieghu saret is-surroga favur is-socjeta` attrici. Dan l-aggravju huwa totalment vessatorju, peress illi fl-atti tal-kawza hemm kopja legali tal-kuntratt datat it-12 ta’ Marzu 2003 fejn is-socjeta` Forsite Design and Project Management Ltd *“acknowledge that it Is a debtor in favour of the bank, which accepts, for the sum of Lm28.418.85 which sum is certain, liquidated and due and represents the outstanding balance due to date of the above mentioned loan inclusive of interest thereon to date”.* Din hi prova bizzejjed tad-dejn meta tqis li skont l-Artikolu 629(c) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, kuntratt pubbliku huwa prova ta’ dak li jkun fih. Kwindi l-ammont tad-debitu principali kien jidher car sa minn meta nfethet din il-kawza (kopja ta’ dan l-att, flimkien ma’ dokumenti ohra, gew fil-fatt esebiti mal-att tac-citazzjoni) u ma jaghmilx sens li jibqa jinghad li ma saritx prova tad-debitu principali, meta dan jirrizulta li gie accettat u rikonoxxut mid-debitur principali stess u l-kreditur.

Fit-tieni lok, l-appellanti Gauci jissottomettu illi huma ma setghux jigu kjamati fil-kawza attrici kif ifformulata. Apparti li ma sarx appell mid-digriet relattiv, jidher car li dan l-aggravju hu wkoll bla bazi. Is-socjeta` Forsite u t-tmien garanti intrabtu in solidum versu l-bank ghall-hlas tad-dejn inkwistjoni. Wara li s-socjeta` attrici hallset hi dan id-dejn, hi giet surrogata fid-drittijiet tal-istess bank kontra l-istess socjeta` u l-garanti in solidum. Dan ifisser li skont il-ligi, is-socjeta` attrici kellha dritt iddur kontra kull min trid minn dawn id-debituri in solidum. Hi ghazlet li tfittex lill-konjugi

Zammit u l-kawza setghet tibqa miexja fil-konfront taghhom biss bla xkiel, *"minghajr ma d-debitur ikun jista' jopponi l-beneficcju tal-qsim tal-obbligazzjoni"* – Artikolu 1096 tal-Kodici Civili. L-ewwel Qorti pero`, ordnat il-kjamat fil-kawza tad-debituri in solidum l-ohra, u dan setghet taghmlu (ghalkemm ma kienx mehtieg) peress li, ai termini tal-Artikolu 1097 tal-istess Kodici Civili, talba gudizzjarja kontra wiehed mid-debituri in solidum, ma tnehhix lill-kreditur il-jedd li jagixxi kontra d-debituri l-ohra. Dan seta' jsir wkoll biex tigi diskussa r-relazzjoni interna tal-ko-debituri fil-konfront tad-dejn inkwistjoni. Il-posizzjoni tal-kreditur tibqa li hu ghandu jithallas in solidum, pero`, darba li ddahlu fil-kawza l-ko-debituri kollha, minghajr pregudizzju ghas-solidarjeta`, tkun tista' ssir il-qasma tad-dejn bejn l-istess ko-debituri, dejjem ghall-fini tar-relazzjoni interna taghhom. Fil-fatt, kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Bonnici v. Farrugia** deciza fit-2 ta' Ottubru 2001, wara li affermat il-principju illi l-kreditur ta' dejn garantit in solidum jista' jaghzel kontra min idur ghal hlas, osservat:

*"Illi f'dan l-isfond certament li l-istitut tal-kjamat in kawza ma huwiex intenzjonat li jippregudika d-dritt tal-atturi rigwardanti l-obbligazzjoni ta' solidarjeta' li huwa bi ftehim specifiku ottjena kontra l-konvenuta, li accettat a sua volonta' li tikkostitwixxi ruhha specifikatament bhala garanti solidali tal-istess, ghaliex altrimenti kieku giet accettata jew kellha tigi accettata it-tezi tal-konvenuta, l-obbligazzjoni ta' solidarjeta' taghha fil-konfront tal-atturi, li fuqha hija mibnija l-azzjoni attrici, kienet tigi ghal kollox vanifikata, b'dan li d-dritt sostantiv tal-atturi kien jigi serjament pregudikat, u d-disposizzjonijiet dwar il-garanti solidali u l-effetti taghhom jigu wkoll serjament kompromessi, ghaliex imorru kontra id-disposizzjonijiet ad hoc tal-ligi sostantiva fuq citata."*

Issegwi li l-konjugi Gauci u l-ko-debituri l-ohra setghu jigu kjamati fil-kawza, u dan minghajr pregudizzju ghad-dritt tal-kreditur li jesigi hlas minghand il-ko-debitur minnu maghzul. Hu, ghalhekk, floku l-appell incidentali tas-socjeta` attrici li trid kundanna tal-konjugi Zammit <u>ghas-</u>

<u>somma kollha</u>, salv li d-dejn finalment jithallas mid-debitur principali ai termini tal-Artikolu 1109 tal-Kodici Civili.

Dan l-aggravju tas-socjeta` attrici sejjer, ghalhekk, jigi milqugh ghax la din ghazlet li tipprovdi kontra l-konjugi Zammit, ghandha dritt tesigi l-hlas tas-somma kollha minghand dan il-ko-debitur in solidum. Dan ifisser pero`, konformi ma' parti mill-aggravju tal-appellanti Gauci, illi l-kjamati fil-kawza ma jistghux jigu kkundannati ihallsu sehemhom mid-dejn lis-socjeta` attrici, peress li ma gewx mitluba jaghmlu dan f'din il-kawza – aktar u aktar meta s-socjeta` attrici, fir-risposta tal-appell taghha, tghid li hi *"qatt ma kellha u m'ghandha l-ebda interess illi ddahhal il-garanti l-ohra fil-kawza".* Jidher li dawn iddahlu fil-kawza ghall-fini ta' qasma interna tad-dejn, f'kaz li kien hemm bzonn, pero`, in relazzjoni ghat-talba attrici, huma biss il-ko-debituri minna maghzula li ghandhom jigu kkundannati.

Fit-tielet lok, l-appellanti konjugi Gauci jilmentaw mill-fatt illi l-ewwel Qorti ma qiesitx li ma saritx il-prova li s-socjeta` Forsite, id-debitrici principali, setgha kellha assi sufficjenti sabiex thallas hi d-dejn. Din il-materja hi, pero`, irrilevanti ghal kaz. Hawn ghandha diversi debituri in solidum, u meta jkun hekk, il-kreditur jista' jdur kontra l-garanti in solidum, minghajr dan ma jista' jeccepixxi l-beneficcju tal-eskussjoni (Artikolu 1935 tal-Kodici Civili). Kwindi, ghandha jew m'ghandhiex assi d-debitrici principali huwa irrilevanti la darba l-ko-debituri huma obbligati in solidum.

L-ilment tal-appellanti li s-socjeta` Forsite kellha assi u dawn "ghosfru" (skont huma, David Anastasi ha dawn il-flus minghand Forsite, ittrasferihom ghal fuq isem is-socjeta` attrici mmexxija minn martu, u din uzathom biex thallas id-dejn li kien hemm mal-Bank of Valletta plc), huwa mhux biss irrilevanti ghal fini ta' din il-kawza (jekk sar uzu indebitu ta' flus is-socjeta` Forsite, min hu interessat jista' jagixxi bi proceduri oppositi *si et quatenus*), izda, <u>f'din il-kawza</u>, lanqas ma saret prova cara u konkludenti ta' xi frodi da parti tas-socjeta` attrici. L-ilmenti tal-appellanti baqghu biss fl-isfera ta' kongetturi u suppozizzjonijiet li ma jistghux iservu bhala bazi ta' allegazzjoni ta' frodi. L-istess appellant Chris Gauci jghid li

l-flus li kellha s-socjeta` Forsite *"ma nafx fejn marru"*, u hija biss osservazzjoni tieghu li dawn il-flus intuzaw ghal hlas tad-dejn. Fin-nuqqas ta' prova, din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti qabilha, ma tistax tinferixxi agir frawdolenti fil-konfront tas-socjeta` attrici.

Fl-ahhar nett, l-appellanti jsostnu li, f'kull kaz, fil-qasma tad-dejn trid tidhol ukoll is-socjeta` Forsite, bhala d-debitrici principali. Hawn l-appellanti ghandhom ragun, il-kreditur, kif inghad, jista' jdur kontra min irid mill-ko-debituri in solidum, bid-dejn, fir-relazzjoni interna ta' bejniethom, jinqasam ugwalment bejn il-ko-debituri kollha jew ikun a karigu tad-debitur principali, skont il-kaz.

Is-socjeta` attrici, kif inghad, ressqet appell incidentali. Gia` rajna illi ghandha ragun dwar l-aggravju marbut mal-kundanna tal-konvenuti Zammit ghal hlas tas-somma kollha. Din il-Qorti tara' li s-socjeta` attrici ghandha ragun fl-aggravji l-ohra taghha. It-talba taghha kienet ghal hlas ta' somma determinata, u din is-somma kienet stabbilita fil-kuntratti tat-12 ta' Marzu 2003; malli sar il-hlas, jiskatta l-obbligu tal-ko-debituri ghar-rifuzjoni, u stante li hawn si tratta minn dejn kummercjali, l-imghaxijiet jibdew jiddekorru awtomatikament. Il-kundanna ghall-hlas, ghalhekk, ghandha ssir bl-imghax mit-12 ta' Marzu 2003 kif mitlub.

Is-socjeta` attrici trid ukoll, u dan korrettement, li l-kundanna ssir fi flus korrenti. Is-somma ghalhekk ghandha tkun ta' sitta u sittin elf, mija u tmienja u disghin Euro u ghaxar centezmi (€66,198.10).

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell ta' Christopher Gauci u ta' martu Claudette Gauci billi tilqa' l-istess in parte, u tiddisponi mill-appell incidentali tas-socjeta` attrici Barb Holdings Ltd billi tilqa' l-istess, u b'hekk tirriforma s-sentenza tal-ewwel Qorti fis-sens li gej:

(i) tilqa' t-talbiet attrici kif mitluba, fis-sens li tikkundanna lill-konvenuti Victor u Rose Zammit ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' sitta u sittin elf, mija u tmienja

u disghin Euro u ghaxar centezmi (€66,198.10), bl-imghax legali mit-12 ta' Marzu 2003 sal-pagament effetiv; u

(ii) salv u impregudikat il-premess, tiddikjara li, fir-relazzjoni interna tad-debituri in solidum, darba jirrizulta li d-dejn gie maghmul fl-interess tas-socjeta` Forsite Design and Project Management Ltd, ai termini tal-Artikolu 1109 tal-Kodici Civili tordna li d-dejn ghandu fl-ahhar mill-ahhar, jigi sapportit minnha biss.

L-ispejjez tal-kawza in prim istanza jithallsu kif ordnat l-ewwel Qorti, waqt li dawk marbuta ma' din it-tieni istanza jithallsu tliet kwarti ($^3/_4$) mill-appellanti konjugi Gauci in solidum, u kwart ($^1/_4$) mis-socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------